# L-Impenn u l-Għajnuna tal-Gvern ċentrali lill-Kunsilli Lokali matul it-3 snin li għaddew

## Introduzzjoni

Il-Gvern ċentrali jemmen li l-Kunsilli Lokali għandu jkollhom mhux biss il-poter bil-liġi li joperaw bħala gvernijiet lokali, iżda wkoll ir-riżorsi u l-għajnuna kollha biex ikunu jistgħu iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'effiċjenza u effettivita' kif mistenni bil-liġi. Minn naħa l-oħra l-Kunsilli Lokali huma mistennija li jużaw il-poteri u r-riżorsi mogħtija lilhom b'mod li jassigura wkoll trasparenza, kontabilita' u tmexxija tajba (*good governance*).

Jekk wieħed janalizza l-ħidma tal-gvern ċentrali fil-konfront tal-gvern lokali f'pajjiżna matul it-3 snin li għaddew wieħed jista' jgħid li din **kienet ħidma immirata biex tikkonsolida u twieżen il-Gvern Lokali f'pajjiżna.** Dan sar b'diversi modi, kif ser ikolli l-opportunita' li nsemmi.

Ngħaddi biex nagħti ftit informazzjoni dwar il-ħidma tal-gvern ċentrali favur il-Kunsilli Lokali kif ukoll l-għajnuna konkreta li tajna matul it-3 snin li għaddew (is-snin 2004-2006).

## Għajnuna Finanzjarja

Matul it-3 snin li għaddew, l-allokazzjoni finanzjarja diretta mill-Gvern ċentrali lill-Kunsilli Lokali kienet ta' Lm30.6 miljuni (Lm10.15 miljuni, Lm10.2 miljuni, u Lm10.25 miljuni rispettivament). Jekk wieħed iqabbel dawn iċ-ċifri maċ-ċifri għas-snin 1996-1999 isib li kien hemm żieda ta' madwar Lm11-il miljun. Ta' min isemmi, iżda, li l-gvern ma waqafx hawn u ta għajnuna wkoll *in kind* billi assenja numru ta' ħaddiema kemm tal-Gvern (ħaddiema tal-Ministeru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura u ħaddiema li qabel kienu assenjati mal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma f'Għawdex) kif ukoll ħaddiema ta' l-ex Tarznari, li huma **madwar 210 ħaddiema** (medja ta' 3 ħaddiema kull Kunsill Lokali). Is-salarji ta' dawn il-ħaddiema (li huma mħallsa mill-gvern ċentrali) jammontaw għal madwar Lm1.04 fis-sena. Għalhekk, l-ammont ta' fondi diretti u indiretti lill-Kunsilli Lokali fit-3 snin li għaddew kienu jammontaw għal madwar

**Lm34 miljuni** (jew medja ta' Lm11.3 miljuni fis-sena). It-tabella f'*Appendiċi A* turi l-allokazzjoni mill-gvern ċentrali lill-Kunsilli Lokali sena b'sena mill-1994 dal-lum.

Minbarra dan, wieħed irid iżid ukoll 20 Kunsill Lokali li ngħataw is-somma ta' Lm75,000 kull wieħed sabiex jagħmlu l-funzjoni tal-gvern ċentrali ta' rikostruzzjoni ta' toroq. Is-somma ta' **Lm1.5 miljun** ingħatat mill-Ministeru responsabbli mill-Iżvilupp Urban u Toroq.

Ma' dawn, ta' min isemmi wkoll permezz ta' diversi miżuri kemm permessi bil-liġi kif ukoll b'riżultat ta' devoluzzjoni, bħal *Bye-Laws*, investimenti, infurzar lokali, permessi, *sponsorships*, u sorsi oħra, matul it-3 snin li għaddew il-Kunsilli Lokali ġġeneraw b'madwar **Lm7 miljuni** oħra (ara *Appendiċi B*). Ma' dawn wieħed mhux jinkludi d-diversi programmi ta' l-Unjoni Ewropea li xi Kunsilli Lokali pparteċipaw fihom.

Dan ifisser li matul dawn l-aħħar 3 snin, il-Kunsilli Lokali amministraw b'madwar **Lm42.5 miljuni** kemm minn finanzjament dirett jew indirett mill-gvern ċentrali kif ukoll minn fondi li ġġeneraw huma stess. Dan juri bl-aktar mod ċar l-impenn tal-gvern ċentrali favur is-sostenibbilta' tal-Kunsilli Lokali. Mill-banda l-oħra, dan jitfa' wkoll piż kbir fuq il-Kunsilli Lokali sabiex joperaw bi trasparenza (kif wara kollox titlob il-liġi), b'kontabilita' ta' kull membru u uffiċjal tal-Kunsill, kif ukoll sabiex ikun hemm amministrazzjoni effiċjenti, effettiva u ekonomika peress li l-fondi kollha amministrati mill-Kunsilli Lokali huma fondi pubbliċi.

Ta' min isemmi f'dan il-kuntest li l-gvern saħħaħ il-Monitoring Unit tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali billi lejn l-aħħar ta' l-2005 ġew ingaġġati 2 Monitoring Officers. L-impenn ta' din it-Taqsima li tissorvelja l-operat finanzjarju tal-Kunsill, b'mod partikolari dawk il-Kunsilli li kienu rreġistraw *deficit* fil-*working capital* tagħhom beda jħalli r-riżultati mixtieqa. Fil-fatt, għall-ewwel darba fi 13-il sena, għas-sena finanzjarja li għalqet f'Marzu 2006, kien hemm 4 Kunsilli biss minn 68 li spiċċaw is-sena b'deficit. (Żebbug Malta, Kerċem, Xewkija u Mtarfa).

## Għajnuna lil u Konsultazzjoni ma' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL) u l-Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali Malta (ASKLM)

Matul it-3 snin li għaddew, il-Gvern ċentrali ikkonsulta fuq bażi regolari ma' l-i*stakeholders* prinċipali fil-qasam tal-gvern lokali. L-i*stakeholder* prinċipali, naturalment, huma s-Sindki, l-Viċi Sindki u l-Kunsillieri lokali li huma rappreżentati fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL). Permezz ta' laqgħat ta' konsultazzjoni bejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-AKL, saru diversi żviluppi pożittivi, fosthom:

- Il-konklużjoni tal-Ftehim Kollettiv għas-Segretarji Eżekuttivi
- Il-konklużjoni tal-Ftehim Kollettiv għall-Impjegati Klerikali mal-Kunsilli Lokali
- L-organizzazzjoni flimkien mad-Dipartiment ta' diversi seminars informattivi (fosthom dwar programmi ta' l-Unjoni Ewropea)
- Organizzazzjoni konġunta tal-*Commonwealth Local Government Forum* f'Malta
- Kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet barranin għal għajnuna lill-Kunsilli Lokali dwar proġetti ta' l-UE (fosthom il-*Local Government International Bureau* tar-Renju Unit) u kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Għolja Ingliża f'Malta
- It-tqassim ta' madwar 140 ħaddiem ta' l-ex Tarznari (IPSL) mal-Kunsilli Lokali
- Allokazzjoni ta' ħaddiem ta' l-IPSL u ieħor mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex iwettqu x-xoghol amministrattiv ta' l-AKL (b'żieda ma' impjegat ieħor tad-Dipartiment li kien diġa misluf lill-AKL)
- Assistenza amministrattiva biex jiġu organizzati l-laqgħat tas-Sindki
- Devoluzzjoni ta' aktar funzjonijiet relatati ma' l-infurzar lokali
- Tibdil fir-Regolamenti dwar l-AKL dwar il-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv ta' l-AKL
- Il-pubblikazzjoni ta' Kodiċi ta' Etika għall-Kunsillieri Lokali bħala parti mir-Regolamenti ta' l-AKL
- Tibdil fil-metodu ta' l-elezzjoni tal-eżekuttiv ta' l-AKL.

Ta' min isemmi wkoll li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jgħaddi lill-AKL l-ammont ta' Lm30,000 fis-sena mill-allokazzjoni vvutata lid-dipartiment għal servizzi kuntrattwali.

*Stakeholder* ieħor tal-gvern lokali importanti hu s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali, li hu l-kap amministrattiv, eżekuttiv u finanzjarju tal-Kunsill. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jagħmel laqgħat ta' konsultazzjoni ma l-Assoċjazzjoni li tirrappreżenta lis-Segretarji Eżekuttivi (l-ASKLM) fuq bażi regolari.

B'riżultat ta' dawn il-laqgħat ta' konsultazzjoni, kien hemm żviluppi pożittivi, fosthom:

- Taħriġ tas-Segretarji Eżekuttivi permezz tal-programm imsejjaħ *Senior Management Development Programme*
- Il-ħruġ ta' linji gwida u ċirkolari b'mod regolari sabiex jassistu lis-Segretarji Eżekuttivi fl-operat tagħhom
- Assistenza f'materji amministrattivi u tekniċi (fosthom permezz ta' mapep aġġornati tal-lokalitajiet, kif ukoll stima tal-allokazzjoni finanzjarja għal kull funzjoni)
- Għajnuna finanzjarja fl-organizzazzjoni tal-Kungress ta' l-UDITE (l-organizzazzjoni Ewropea tas-Segretraji Eżekuttivi) f'Malta.

Ta' min isemmi wkoll li l-ASKLM tingħata l-ammont ta' Lm4,000 fis-sena mill-vot allokat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal servizzi kuntrattwali.

## Devoluzzjoni ta' Proprjeta' Pubblika

Bis-saħħa tal-politika tal-gvern li jgħaddi l-amministrazzjoni tal-proprjeta' pubblika lill-Kunsilli Lokali, matul is-snin 2004 sa l-2006, ġew devoluti 15-il proprjeta' pubblika lill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilli Lokai ta' Birkirkara, Paola, Qala, Nadur, Sannat, Mdina, Msida, Munxar, Pieta', Xewkija, l-Għarb, Ħad-Dingli u Bormla ingħataw id-delega ta' proprjeta' pubblika li jinkludu ġonna, postijiet storiċi, fortizzi, u kmamar u siti biex jiġu żviluppati f'ċentri jew bini li jkun amministrat minn dawn il-Kunsilli Lokali. L-*Appendiċi Ċ* jelenka l-proprjeta' pubblika kollha li ġiet devoluta lill-Kunsilli Lokali mill-1999 'l hawn.

Ta' min ifakkar li skond il-politika li ġiet imfassla madwar 8 snin ilu u li kienet ġiet iċċirkolata lill-Kunsilli Lokali kollha, hemm tlett kategoriji ta' tipi ta' proprjeta' pubbolika li tista' tiġi devoluta lill-Kunsilli Lokali. Din il-proprejta' trid tkun: mtiluqa u/jew mhix żviluppata, użata

ħażin (*misused*) jew li tista' tiġi żviluppata aħjar, jew b'xi mod relatata ma' xi funzjoni statutorja ta' Kunsill Lokali skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali.

## Approvazzjoni ta' *Bye-Laws*

Il-Kunsilli Lokali għandhom ukoll il-poter bil-liġi tal-Kunsilli Lokali li jagħmlu *Bye-Laws* bil-għan li jaqdu l-funzjonijiet tagħhom, jew sabiex iħarsu jew inaqqsu inkonvenjent fil-lokalita' tagħhom, jew sabiex jiġġeneraq aktar fondi minn dawk allokati lilhom mill-Gvern ċentrali. Dawn il-*Bye-Laws* iżda jridu l-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali.

Matul it-3 snin li għaddew ġew approvati 22 *Bye-Laws* maħruġa minn Kunsilli Lokali. Fost dawn insibu *Bye-Laws* li jirregolaw materji ġodda dwar il-kontroll tal-ħamiem ġewwa l-lokalitajiet ta' Floriana u Pieta', xorb f'kontenituri tal-ħġieġ (lokalita' ta' San Ġiljan) u tlajjar f'postijiet indikati (Pieta'). Minbarra dawn insibu *Bye-Laws* li jirregolaw reklami fuq għamara tat-toroq proprjeta' tal-Kunsill, organizzazzjoni ta' korsijiet, l-użu ta' faċilitajiet, u regolamenti dwar pubblikazzjonijiet.

## Leġislazzjoni ġdida jew emendi ta' leġislazzjoni eżistenti

Matul it-3 snin li għaddew il-gvern ċentrali wettaq politika ta' konsolidazzjoni tal-gvern lokali billi ġew identifikati dawk l-oqsma li kellhom bżonn tisħiħ jew raffinar u saru l-aġġustamenti jew permezz ta' leġislazzjoni jew b'mod amministrattiv.

L-ikbar u l-aktar riforma radikali li saret matul dawn l-aħħar 3 snin, bla dubbju, kienu l-**emendi sostanzjali għall-Att dwar Kunsilli Lokali** li saru fil-bidu ta' l-2005. Dawn l-emendi, fil-parti l-kbira tagħhom, kienu r-riżultat ta' proċess twil ta' konsultazzjoni ma' kull min hu nteressat fil-qasam tal-gvern lokali. L-emendi l-aktar sinifikattivi jinkludu: l-għażla diretta tas-Sindku u l-Viċi Sindku mill-elettorat, il-metodu kif issir il-proposta għall-vot ta' sfiduċja fis-Sindku jew il-Viċi Sindku, il-metodu l-ġdid kif tista' tintalab laqgħa tal-Kunsill minn mill-inqas nofs il-Kunsilieri, id-devoluzzjoni statutorja tal-libreriji pubbliċi, il-*bus shelters* u l-infurzar tal-liġijiet kollha li l-kontravvenzjoni tagħhom taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kummissarju għall-Ġustizzja,

l-eżenzjoni tas-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi milli jservu ta' ġurati waqt ġurijiet, l-obbligu ta' konformita' bejn id-dipartimenti tal-Gvern, obbligi dwar il-kwalifiki tal-Awdituri Lokali, u metodu ġdid dwar it-tqassim tad-dokument tal-votazzjoni bil-posta reġistata.

Emendi leġislattivi oħra importanti ħafna kienu dawk li saru permezz ta' l-**Avviż Legali dwar ir-Riżorsi Umani tal-Kunsilli Lokali**. Permezz ta' emendi li saru fl-2005 ġew introdotti dispożizzjonijiet ġodda, fosthom:  l-obbligu tal-immaniġġjar tal-*leave*, id-dritt tas-Segretarju Eżekuttiv li jkollu skema ta' saħħa, l-obbligu tal-Kunsill li 3 xhur qabel jiskadi l-kuntratt tax-xoghol tas-Segretarju Eżekuttiv jiġi diskuss jekk dan ikunx ser jiġi mġedded, u d-dritt tas-Segretarju Eżekuttiv li jingħata l-*qualification allowance* skond il-proċeduri applikabbli fis-servizz pubbliku.

Fl-2005 wkoll, ġie pubblikat **Kodiċi ta' Etika għall-Kunsillieri Lokali** ġdid li sar parti mir-Regolamenti tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Dan il-kodiċi ġie pubblikat war li sar xogħol dwaru mill-istess Assoċjazzjoni.

Fl-2006, il-Gvern ċentrali kompla bit-tisħiħ leġislattiv tal-gvern lokali billi, fost l-oħrajn:

- Daħħal fis-seħħ id-disposizzjonijiet li jippermettu persuna akkużata li tagħżel li minflok li tidher quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja, tibgħat sottomissjonijiet bil-miktub jew dikjarazzjoni tal-fatti tal-każ konfermati bil-ġurament (Avviż Legali 395 ta' l-2005);
- It-twaqqif tal-Gwardjani Lokali pajżana biex jinfurzaw ir-regolamenti dwar l-ambjent (Avviż Legali 407 ta' l-2005);
- It-twaqqif tal-Bord tal-Petizzjonijiet li għandu l-funzjoni li jiddeċiedi dwar petizzjonijiet minn kontravvenzjonijiet li jidhru quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja (Avviż Legali 414 ta' l-2005);
- Regolamenti ġodda li jitfgħu ir-responsabbilta' personali fuq xi uffiċjal jew membru tal-Kunsill (Kunsillier elett) li jiġi ppruvat li jkun għamel xi frodi jew approprjazzjoni bla jedd ta' fondi jew proprjeta' tal-Kunsill jew li għax ried jew bi traskuraġni jkun naqas li jiġbor fondi dovuti lill-Kunsill jew li ma jkunx akkredita dawn il-fondi kif imiss (Avviż Legali 22 ta' l-2006);

- Emendi fir-Regolamenti ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-mod kif jiġu eletti l-membri fl-eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni (Avviż Legali 22 ta' l-2006); u
- It-twaqqif tal-Kumitat dwar is-Sistema ta' l-Infurzar Lokali bil-kompetenza li jagħti direzzjoni ġenerali għas-sistema ta' l-infurzar lokali, inkluż id-dixxiplina tal-Gwardjani Lokali (Avviż Legali 237 ta' l-2006).

Kif wieħed jista' jara, il-Gvern ċentrali, matul it-3 snin li għaddew saħħaħ il-qafas leġislattiv u ntroduċa kunċetti ġodda li permezz tagħhom mhux biss ikkonsolida l-Gvern Lokali f'pajjiżna, iżda wkoll indirizza materji li ġew identifikati mill-partijiet interessati bħala oqsma li ħtiġilhom tisħiħ. Fost dawn insibu l-qasam tal-parteċipazzjoni aktar diretta miċ-ċittadin, it-tisħiħ tal-prinċipju tad-demokrazija lokali, lok għal aktar proċess ġust fl-infurzar lokali, it-tisħiħ amministrattiv tal-entita' responsabbli mis-sorveljanza tal-Kunsilli Lokali, kif ukoll emendi li jindirizzar diffikultajiet li kienu jaffettwaw il-membri u l-uffiċjali eżekuttivi tal-Kunsill Lokali.

## L-Unjoni Ewropea u l-Kunsilli Lokali

Permezz tas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea infetħu bibien ġodda ta' opportunitajiet ukoll għall-Kunsilli Lokali. Diversi Kunsilli Lokali diġa approfittaw minn din l-opportunita' u ħadu sehem f'diversi programmi offruti mill-UE. Fost dawn insibu parteċipazzjoni fil-Programm Interreg IIIA (Programm bejn Malta u l-Italja), Interreg IIIB (koperazzjoni bejn gruppi kbar ta' reġjuni), Interreg IIIC (immirat għal koperazzjoni bejn ir-reġjuni kollha tal-UE), URBACT (programm immirat biex joħloq proġetti bajn bliet ewropej fil-qafas tar-riġenerazzjoni urbana), il-*European Regional Development Fund* u Programmi tal-*Youths*.

Fil-Programm Interreg IIIA ipparteċipa l-Kunsill tal-Mosta f'żewġ proġetti, taħt l-Interreg IIIB ippartteċipaw il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex, Mġarr, Bormla, l-Għarb, il-Qala, Fontana, Xagħra, Żejtun, Rabat, Birgu , l-Isla, Kirkop, Tarxien, Santa Luċija, Floriana u Marsaxlokk), filwaqt li taħt l-Interreg IIIC ipparteċipaw il-Kunsilli Lokali ta' Valletta, Bormla, Birgu u l-Isla. Minbarra dan, diversi Kunsilli ipparteċipaw ukoll fil-programmi tal-*Youth* li hu programm ideali għal Kunsilli biex jibdew jieħdu l-esperjenza ta' programmi ta' l-Unjoni Ewropea. Fis-sentejn li għaddew ipparteċipaw fil-Programm Youth il-Kunsilli Lokali ta' Birkirkara, Swieqi, Bormla,

Mosta, Mġarr, Żejtun, Ħamrun, Tarxien, Żurrieq, San Lawrenz, Ħamrun u r-Rabat. Taħt il-Programm URBACT ipparteċipaw Birkirkara u l-Valletta Urban Community Council (iffurmat minn madwar 13-il Kunsill Lokali li jdawru ż-żewġ portijiet).

Minkejja ċerti diffikultajiet, ċerti Kunsilli Lokali qed jirnexxilhom jippenetraw f'dawn il-programmi. Ta' min isemmi, per eżempju, l-inizzjattiva tal-Kunsill Lokali Valletta li permezz ta' arranġament li jiġbor fih madwar 13-il Kunsill Lokali ieħor minn Malta u bliet parte, irnexxilhom ikunu *lead partners* fi proġett imsejja SURCH. Dan il-proġett jindika li anke Kunsilli Lokali Maltin huma kapaċi mhux biss jipparteċipaw iżda jkunu fuq quddiem nett bl-inizzjattiva.

Ta' min iżid ukoll li, kif tħabbar fid-diskors tal-*Budget* mill-Prim Ministru, il-Kunsilli Lokali flimkien ma' l-NGOs ser ikunu jistgħu jipparteċipaw f'żewġ programmi tal-Unjoni Ewropea u li għal dan il-għan ser ikunu allokati Lm1.8 miljuni. Dawn ikopru l-ammont ta' Lm300,000 disponibbli taħt il-fond tal-*European Regional Development Fund* (ERDF) għas-sena 2007, u Lm500,000 taħt il-fond tal-*European Agricultural Fund for Rural Development* (EAFRD) għas-snin 2007/2008. Il-Kunsilli, għalhekk, ser ikollhom opportunita' ġdida li taħt il-*budget* il-ġdid tal-UE jissottomettu proġetti li jkunu primarjament immirati għal-lokalitajiet rispettivi tagħhom. Wieħed irid jirrimarka li hu rakkomandat li Kunsill jagħmel il-preparamenti tiegħu tajjeb sabiex qabel jissottometti applikazzjoni jkun jaf li għandu l-kapaċita' amministrattiva u l-finanzi meħtieġa sabiex jidħol għall-proġett. Din l-evalwazzjoni hi importanti ħafna sabiex l-ebda Kunsill ma jispiċċa jidħol għal biċċa xogħol li ma jkunx jiflaħ għaliha.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħa diversi inizzjattivi biex jgħin lill-Kunsilli Lokali jaħtfu l-opportunitajiet tal-UE, fosthom b'sensiela ta' seminars informattivi, kuntatti ma' l-Local Government International Bureau tar-Renju Unit u l-Kummissjoni Għolja Ingliża f'Malta li lesti jassistu lill-Kunsilli Lokali Maltin, kif ukoll b'inizzjattivi konġunti ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'kollaborazzjoni mar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta u entitajiet oħrajn. Hemm ippjanat li għas-sena 2007 din il-ħidma tkompli tissaħħaħ billi tingħata għajnuna aktar speċifika lill-Kunsilli biex dawn jagħrfu jissottomettu proġetti taħt il-budget il-ġdid ta' l-Unjoni Ewropea għas-snin 2007-2013.

# Pjanijiet għall-futur

Mill-ħarsa żgħira li tajt dwar il-ħidma tal-Gvern ċentrali fil-qasam tal-gvern lokali, wieħed jista' malajr jinduna li sar ħafna xogħol, minkejja li ħafna drabi ma sar l-ebda daqq ta' trombi. Il-gvern hu mpenjat li jkompli jsaħħaħ il-gvern lokali f'pajjiżna u qiegħed janalizza kemm dak li sar kif ukoll x'inhuma l-ħtiġijiet u l-isfidi tal-lum u ta' għada biex ikun jista' jilqa' għalihom.

Fost il-pjani tal-gvern ċentrali għall-futur tal-gvern lokali f'pajjiżna wieħed jista' jsemmi:

- Il-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-programmi ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari li jassigura li dawn ikollhom il-kapaċitajiet li jidħlu għal dawn il-programmi biex jagħmlu suċċess kemm għalihom kif ukoll għall-isem ta' pajjiżna
- It-tkomplija tal-proċess ta' konsultazzjoni u koperazzjoni bejn il-partijiet kollha nteressati
- Servizzi akbar ta' *e-Government*
- Preparazzjoni tajba kemm tal-Kunsillieri Lokali kif ukoll tal-uffiċjali tal-Kunsill sabiex dawn ikunu kompetenti fil-ħidma tagħhom
- Il-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini fil-ħidma tal-Kunsilli Lokali, ukoll bħala mezz ta' skrutinju u biex tiżdied it-trasparenza u l-kontabilita'
- Inizzjattivi favur l-ambjent
- Inizzjattivi li jkabbru l-għarfien kulturali tal-lokalitajiet
- L-ekonomija fl-użu tar-riżorsi
- It-tnaqqis tal-burokrazija amministrattiva u leġislattiva li xxekkel l-operat tal-Kunsilli Lokali
- Sinerġiji akbar bejn il-partijiet kollha (bħal entitajiet tal-gvern ċentrali u dawk lokali).

Din hi aġenda ambizzjuża li tkopri l-ħtiġijiet kemm *short term, medium term* kif ukoll *long term*. Ma' dan, iżda, wieħed irid iżid li l-Gvern mhux ser jintrabat ma' strateġija fissa, u dan għaliex jidher ċar li minħabba n-natura dinamika tal-amministrazzjoni pubblika, aktar u aktar fil-kuntest tas-sħubija ta' Malta fl-UE u l-iżviluppi teknoloġiċi mgħaġġla, ikun aktar għaqli li tali strateġija tkun aġġustata minn żmien għal żmien skond kif meħtieġ.

# *Appendiċi A*

## Allokazzjoni Finanzjarja mill-Gvern ċentrali lill-Kunsilli Lokali 1994 – 2008

| Sena Finanzjarja | Allokazzjoni Finanzjarja | Allokazzjoni diretta f' Lm miljuni | Allokazzjoni indiretta f'Lm miljuni | Fondi globali mill-Gvern ċentrali f' Lm miljuni |
|---|---|---|---|---|
| 1994-1995 | 4,500,000 | 4.5 | | 4.5 |
| 1995-1996 | 6,300,000 | 6.3 | | 6.3 |
| 1996-1997 | 7,250,000 | 7.25 | | 7.25 |
| 1997-1998 | 6,250,000 | 6.25 | | 6.25 |
| 1998-1999 | 5,831,000 | 5.831 | | 5.831 |
| 1999-2000 | 6,500,000 | 6.5 | | 6.5 |
| 2000-2001 | 9,660,000 | 9.66 | | 9.66 |
| 2001-2002 | 10,240,000 | 10.24 | | 10.24 |
| 2002-2003 | 10,540,000 | 10.54 | | 10.54 |
| 2003-2004 | 10,700,000 | 10.7 | | 10.7 |
| 2004-2005 | 10,150,000 | 10.15 | 0.6* | 10.75 |
| 2005-2006 | 10,200,000 | 10.2 | 1.14* | 11.34 |
| 2006-2007 | 10,250,000 | 10.25 | 1.4* | 11.65 |
| 2007-2008 | 10.270,000 | 10.27 | 1.4* | 11.67 |

* Salarji ta' ħaddiema tal-Gvern/ex tarznari assenjati mal-Kunsilli Lokali

# *Appendiċi B*

Dħul tal-Kunsilli Lokali minn sorsi oħra:

| ***Sena*** | ***Infurzar Lokali*** | ***Bye-Laws*** | ***Investimenti*** | ***Dħul ieħor (donazzjonijiet, permessi, eċċ.)*** | ***TOTAL*** |
|---|---|---|---|---|---|
| **2003-2004** | 1,016,446 | 68,968 | 72,487 | 782,262 | 1,940,163 |
| **2004-2005** | 1,738,870 | 151,493 | 49,521 | 746,675 | 2,686,559 |
| **2005-2006** | 1,389,429 | 149,859 | 61,545 | 743,043 | 2,343,876 |
| | | | | | 6,970,598 |

Informazzjoni miġbura minn: Rapporti Finanzjarji awditjati tal-Kunsilli Lokali

# *Appendiċi Ċ*

## Proprejta' Pubblika devoluta lill-Kunsilli Lokali

**1999**

| ***Kunsill*** | ***Proprjeta'*** | ***Data tad-Devoluzzjoni*** |
|---|---|---|
| Safi | Ġnien Alexander Ball | 9 ta' Marzu 1999 |
| Santa Luċija | Ġnien is-Serenita' | 9 ta' Marzu 1999 |

---

**2000**

| ***Kunsill*** | ***Proprjeta'*** | ***Data tad-Devoluzzjoni*** |
|---|---|---|
| Isla | Ġnien Il-Gardjola | 7 ta' Frar 2000 |
| Mqabba | L-Isptar il-Qadim | 7 ta' Frar 2000 |
| Qormi | Ġnien De La Cruz, Teatru Grieg u Kjosk | 7 ta' Frar 2000 |
| Rabat (G) | Sit fil-Foss taċ-Ċittadella | 21 ta' Frar 2000 |
| San Ġwann | *Cart Ruts* | 21 ta' Frar 2000 |
| San Ġwann | *Grain Silos* taħt l-art | 21 ta' Frar 2000 |
| Qala | Sit fi Triq Mġarr Road | 3 ta' Marzu 2000 |
| Birkirkara | Ċentru Ċiviku | 7 ta' Marzu 2000 |
| Żabbar | Sala tal-Konferenzi fiċ-Ċentru Ċiviku | 7 ta' Marzu 2000 |
| Żabbar | Teatru Grieg u Faċilitajiet Sportivi | 7 ta' Marzu 2000 |
| Gżira | Ġnien il-"Yacht Marina" | 8 ta' Marzu 2000 |
| Pieta' | Ġnien Sa Maison | 5 ta' Mejju 2000 |
| Żurrieq | Il-Mitħna "Tax-Xarolla" | 11 ta'. Mejju 2000 |
| Mġarr | *Underground Grain Silos* | 23 ta'. Mejju 2000 |
| Tarxien | "Dar ta' Kejka" | 28 ta' Settembru 2000 |
| Għargħur | Ġien il-Paċi | 4 ta' Ottubru 2000 |
| Nadur | Ġnien Pubbliku u faċilitajiet sportive | 23 ta' Novembru 2000 |
| Żejtun | Ġnien Luqa Briffa u Ġnien San Girgor (inklużi l-faċilitajiet sportive u l-latrina) | 25 ta'.Novembru 2000 |
| Xagħra (G) | Ġnien Pubbliku u faċilitajiet sportivi | 19 ta'. Diċembru 2000 |

---

**2001**

| ***Kunsill*** | ***Proprjeta'*** | ***Data tad-Devoluzzjoni*** |
|---|---|---|
| Isla | Grawnd tal-futbol | 9 ta' Frar 2001 |
| Għargħur | Torri fi Triq San Ġwann | 14 ta'. Frar 2001 |
| Safi | Grawnd tal-futbol | 15 ta' Frar 2001 |
| Tarxien | Grawnd tal-futbol u ġnien pubbliku | 20 ta' Frar 2001 |
| Mellieha | Ġnien Pubbliku u faċilitajiet sportivi | 23 ta'. Frar 2001 |
| Dingli | Ġnien Pubbliku u faċilitajiet sportivi | 2 ta'. Marzu 2001 |

| | | |
|---|---|---|
| Qormi* | Art fi  Triq Mdina Road | 7 ta'. Marzu 2001 |
| Xewkija | Ġnien Pubbliku u faċilitajiet sportivi | 7 ta' .Marzu 2001 |
| Naxxar | Grawnd tal-futbol | 6 ta' April 2001 |
| Mellieħa | Ix-Xaghra tat-Tunnara | 12 ta' April 2001 |
| Munxar | Mitħna tal-Qamħ taħt l-art | 14 ta' Diċembru 2001 |

** Kuntratt tal-kirja mwaqqaf fis-17 ta' Jannar 2003.*

**2002**

| ***Kunsill*** | ***Proprjeta'*** | ***Data tad-Devoluzzjoni*** |
|---|---|---|
| Mellieħa | Xelter taħt l-art | 24 ta'. Jannar 2002 |
| Kalkara | Ġnien Is-Salvatur | 31 ta'. Jannar 2002 |
| Valletta | Proprjeta' biex tintuża għall-ħażniet | 14 ta'. Frar 2002 |
| Pieta' | Car Park fi Triq Alfred Craig | 5 ta' April 2002 |
| Għarb | 2 siti f 'Ta' Pinu | 29 ta'. Mejju 2002 |
| Fgura | Ġnien Patri Redent Gauci | 9 ta'. Lulju 2002 |

**2003**

| ***Kunsill*** | ***Proprjeta'*** | ***Data tad-Devoluzzjoni*** |
|---|---|---|
| Birgu | Xelter taħt l-art f'*Couvre Porte* | 26 ta'. Frar 2003 |
| Ghasri | 2 sites at Pjazza Salvatur | 26 ta'. Frar 2003 |
| Mdina | Ġnien is-Sindku | 26 ta'. Frar 2003 |
| Paola | Ġnien Pawlu Boffa u l-Kjosk | 26 ta'. Frar 2003 |
| Rabat (G) | Xelter taħt l-art | 26 ta'. Frar 2003 |
| Rabat (G) | Ġnien Pubbliku (inklużi l-*Pitch* tal-Boċċi u l-*Club House*) | 26 ta'. Frar 2003 |
| Zurrieq | Dar Mattia Preti | 26 ta'. Frar 2003 |
| Lija | Mithna tal-Mirakli | 9 ta' April 2003 |
| Kercem | Art fi Triq Wenzu Mintoff | 4 ta' Lulju 2003 |

**2004**

| ***Kunsill*** | ***Proprjeta'*** | ***Data tad-Devoluzzjoni*** |
|---|---|---|
| Birkirkara | L-istazzjon l-Antik | 17 ta'. Marzu 2004 |
| Paola | Paul Boffa Garden | 16 ta'. April 2004 |
| Qala | Parti mill-Iskola Primarja | 5 ta' Ġunju 2004 |
| Nadur | Latrina Pubblika fi Triq Tramuntana. | 5 ta' Ġunju 2004 |

**2005**

| *Kunsill* | *Proprjeta'* | *Data tad-Devoluzzjoni* |
|---|---|---|
| Sannat | Kalkara tal-Ġir | 16 ta' Marzu 2005 |
| Mdina | Casino Notabile | 24 ta'.Mejju 2005 |
| Qala | Fortizza Sant'Antnin | 5 ta' Awissu 2005 |
| Msida | 2 kmamar fi Ġnien Misrah 5 ta' Ottubru | 29 ta'. Awissu 2005 |
| Munxar | sit fi Triq Guze' Aquilina | 10 ta'. Ottubru 2005 |
| Pieta' | *Old Customs Verandah* | 21 ta'. Novembru 2005 |

**2006**

| *Kunsill* | *Proprjeta'* | *Data tad-Devoluzzjoni* |
|---|---|---|
| Birkirkara | Ġnien fi Triq John Borg | 23 ta' Frar 2006 |
| Xewkija | Sit fix-Xewkija | 17 ta' Marzu 2006 |
| Għarb | 2 siti fi Triq Tumas Casssar | 17 ta' Mejju 2006 |
| Dingli | sit u struttura f'Tal-Veċċa | 17 ta' Mejju 2006 |
| Bormla | Verdala *Playing Field* | 30 ta' Ġunju 2006 |

# Ritratti ta’ attivitajiet




Commonwealth Local Government Forum
Ottubru, 2005



Seminar dwar l-UE u l-Kunsilli Lokali
Jannar 2005



Ċerimonja tal-Ġurament tal-ħatra tal-Kunsillieri, Marzu 2005




Seminar għall-*Euro Councillors* dwar il-Bidla għall-Ewro u l-impenn tal-Kunsilli Lokali, Mejju 2006



Waħda mil-laqgħat tal-FOKAL (Forum Konsultattiv għall-Atturi Lokali)



Seminar dwar prattiċi tajbin minn Kunsilli Lokali fi Proġetti ta’ l-UE, Diċembru 2006